**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, il-Ġimgħa, sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru 2024

Kawża Nru 7426/2024

Il-Pulizija
(Spettur Elliott Magro)

Vs

Christopher Mercieca

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Christopher Mercieca,** iben Michael Angelo u Maria Assunta xebba Caruana, imwieled Pieta, Malta nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar 1984 u residenti fil-fond bin-numru 32, 'Johann',

Triq l-Imsida, Santa Venera, detentur tal-karta tal-identità 086484(M) talli nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta’ Settembru 2024 għall-ħabta tas-sitta u kwart ta’ filgħaxija (18.15hrs) ġewwa l-inħawi magħrufa bħala Tan-Nadur, limiti tar-Rabat (Malta):

(1) ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja lil xi għasfur minbarra dawk imsemmija fl-Iskeda II tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta’ Malta, u cioe' Ajkla Bajda (Circaetus Gallicus) (Inkluz fi Skeda I);[1]

(2) fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ikkaċċja fuq l-art xi għasfur li mhux elenkat fit-Taqsima A tal-Iskeda II, Ajkla Bajda (Circaetus Gallicus) Inkluz fi Skeda I);[2]

(3) ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja, ħa jew prova jieħu xi għasfur (Ajkla Bajda (Circaetus Gallicus) li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti, jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skond il-kundizzjonijiet ta' kull licenzja li tingħata taħtha;[3]

U aktar talli fl-istess data, ħin u fil-ġimgħat, xhur u snin ta’ qabel din id-data b’diversi atti magħmula minnu fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda, f’dawn il-Gzejjer:

---

[1] Regolament 5(1), 18(1)(b) u 27(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta’ Malta.
[2] Regolament 5(3)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta’ Malta.
[3] Regolament 4(1)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta’ Malta.

(4) kien fil-pussess jew kellu fil-kontroll tiegħu jew żamm kampjuni ta' għasafar, kemm ħajjin jew mejtin, jew parti li tista' tingħaraf jew derivattivi tagħhom cioe' għasafar li mhux inklużi fl-Skeda II jew fl-Skeda III, u meta dawk l-għasafar ma kinux ġew iddikjarati u reġistrati mal-Awtorita' Kompetenti sal-wieħed u tletin (31) ta' Mejju 2003 u mingħajr ma kien fil-pussess tal-permessi, jew ċertifikati ta' reġistrazzjoni maħruġa mill-Awtorita' Kompetenti għaż-żamma ta' dawk l-għasafar skont id-dispozizzjonijiet tar-Regolament 21, jew ikunu ġew impurtati legalment skond id-dispozizzjonijiet tar-Regolament 6(1)(a), jew ġew meħuda jew akkwistati legalment fi Stat Membru jew imrobbija fil-magħluq;[4]

(5) u aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, kiser xi disposizzjoni, restrizzjoni, jew projbizzjoni imposta minn jew taħt ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u cioe' billi ittanta jżomm lil xi għasfur, kemm ħaj kemm mejjet, jew parti minn xi għasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew III, meta dawk l-għasafar ma kinux ittieħdu fi stat membru ieħor fejn jkunu jistgħu jittieħdu jew jinqabdu legalment taħt id-disposizzjonijiet tad-direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi kif ukoll taħt il-liġijiet ta' dak l-istat membru l-

[4] Regolament 4(1)(e) tal-Avviż Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat bil-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42.

ieħor u dak l-għasfur ma kienx miġjub f'Malta wara l-ewwel (1) ta' Mejju 2004;[5]

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll tordna l-konfiska tal-Corpus Delicti misjuba fil-pussess ta' l-imputat kif ikkontemplat fl-Artikolu 23 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet wkoll mitluba illi barra li tagħti l-piena taħt ir-regolament 27(2)(a) L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-konfiska tal-corpus delicti u r-revoka permanenti ta' kull liċenza jew permess maħruġa taħt ir-regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għall-perjodu applikabbli taħt l-Avviż Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tqis lill-imputat bħala li sar reċediv ai termini tal-Artikli 49 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

[5] Regolament 4(1)(f) u 27(1)(d) tal-Avviż Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat bil-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42.

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Uffiċjal Prosekutur;

Rat li fis-seduta tal-lum l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' din l-ammissjoni l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u tatu żmien xieraq sabiex jerġa' jikkunsidra mill-ġdid l-ammissjoni tiegħu;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Rat li ma teżisti l-ebda raġuni tajba in linea ma' dak stabbilit fl-artikolu 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita jekk ir-reati ġewx tassew magħmula jew tiddubita jekk l-akkużat hux ħati tar-reati addebitati lilu;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiża jittrattaw fuq il-piena;

Ikkunsidrat:

In vista tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-akkużat, il-Qorti m'għandhiex triq oħra għajr li issib lil-akkużat ħati tal-akkużi kollha li ġew miġjuba fil-konfront tiegħu.

Għall-fini ta' piena il-Qorti sejra tqis li l-imputat ammetta l-akkużi mal-ewwel opportunita li huwa kellu u għalhekk fiċ-ċirkostanzi l-Qorti mhux sejra tmur għal sentenza ta' priġunerija effettiva jew sospiża iżda sejra timponi multa li tirrifletti l-gravita tal-każ kif wkoll is-sospensjoni tal-liċenzja rilevanti għall-kaċċa sal-massimu possibbli.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-artikoli 4(1)(a), 5(1), 5(3)(a), 18(1)(b), 27(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 kif wkoll ir-Regolamenti 4(1)(e) u (f) u 27(1)(d) tal-Avviż Legali 79 tal-2006 hekk kif emendati bil-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 qiegħda fuq ammissjoni tiegħu stess issib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u qed tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' ħamest elef ewro (€ 5,000). Qiegħda wkoll tirrevoka b'effett immedjat kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija u tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni tali liċenzja jew permess rilevanti għall-fini ta' kaċċa għall-għomru.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**